Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 144/2013/1

**Network Enterprises Ltd (appellata)**

**Vs**

**Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) (appellant)**

19 ta' Mejju, 2017.

1. Fit-28 ta' Awissu 2013 is-socjeta rikorrenti pprezentat appell quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva minn stima li saret mill-intimat ghar-raguni li ssostni ma nhargitx *properly*, *reasonably* u *fairly* u bazata fuq apprezzament hazin tal-fatti. L-istima tirreferi ghall-perjodu l-1 ta' Novembru, 2008 sal-31 ta' Ottubru, 2009.

2. L-intimat wiegeb b'mod preliminari li:

> *"….. minhabba l-agir tal-appellanti u cioe' n-nuqqas ta' ko-operazzjoni da parti tal-appellanti versu l-appellat fil-kaz in ezami, jidhlu fis-sehh ope legis, id-dettami tal-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellat qed jissolleva din l-eccezzjoni a limine intus minhabba l-fatt li l-appellanti, ghal ragunijiet li taf hi biss, baqghet inadempjenti fir-rigward tat-talbiet legittimi tieghu sabiex tipprezenta d-dokumentazzjoni kollha kif kienet mitlub minnu u dan bi ksur tal-artikolu surreferit li testwalment ighid……"*

3. B'sentenza tat-18 ta' Jannar, 2016 it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva cahad l-eccezzjoni wara li ddecieda li m'ghandux japplika l-ewwel proviso tal-Artikolu 48(5) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406), li jipprovdi:

> *"(5) Il-Kummissarju jista', f'kull żmien matul iż-żmien speċifikat fis-subartikolu (4), jeħtieġ lil kull persuna li tipproduċi, jew jista' jeleva mingħand kull persuna, inkluż terza persuna, id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika meħtieġa li jinżammu minnha bis-saħħa ta' dan l-artikolu, u jagħmel kopji tagħhom:*
>
> ***Iżda, jekk ikun hemm evidenza li wara li tkun intalbet mill-Kummissarju b'avviż bil-miktub, il-persuna tkun naqset li tipproduċi mingħajr skużanti raġonevoli d-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika sa tletin jum mid-data tan-notifika ta' dak l-avviż, hija ma tkunx tista' titħalla tipproduċi dik id-dokumentazzjoni, dokumenti, konteġġi u data elettronika fi stadju aktar tard minn meta tkun inħarġet stima jew stimi proviżorji jew quddiem it-Tribunal, jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja****:*

*Iżda wkoll meta titqiegħed fiduċja fuq xi persuna oħra sabiex din twettaq xi biċċa xogħol, il-fatt li jkun hemm dik il-fiduċja jew xi dewmien jew ineżattezzi mill-persuna li jkollha l-fiduċja ma jitqiesx li hija skużanti raġonevoli għall-għanijiet ta' dan is-subartikolu".*

Fis-sentenza t-Tribunal qal, fost'affarijiet ohra li:

*"It-Tribunal haseb fit-tul dwar il-kwistjoni in ezami u l-implikazzjoni legali u guridici tal-Artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, b'mod partikolari tal-ewwel proviso tieghu, u jqis li dak hemm dispost ma jistax jigi minnu applikat, u dana anke f'kaz fejn it-taxpayer ma jkunx ghamel l-ghalmu kollu tieghu fl-istadju tal-investigazzjoni u tar-review, jekk ikun intalab, biex jipprovdi lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bid-dokumentazzjoni kollha mitluba u mehtiega. Dak provdut fl-imsemmi proviso ma jistax u ma ghandux jigi applikat fir-rigidita' kollha tieghu ghaliex imur ghal kollox kontra l-principji ta' gustizzja naturali li dan it-Tribunal hu fid-dmir li jhaddan u josserva…..*

*Apparti l-fatt li l-jedd ta' smiegh xieraq li jhaddan fih il-principji ta' gustizzja naturali ghandu dejjem jirrenja suprem, minn qari tal-ewwel proviso tal-Artikolu 48(5) tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta b'mod car li dak hemm dispost imur ghal kollox kontra l-principji ta' mgieba amministrattiva tajba li dan it-Tribunal huwa – ai termini tal-ligi – obbligat li jhaddan, japplika u jsegwi……*

*B'hekk kemm il-darba t-Tribunal kellu japplika dak provdut fl-ewwel proviso tal-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta, ikun mhux biss qed jipperikola u jippregudika d-dritt ta' smiegh xieraq tas-socjeta rikorrenti izda jkun qed imur ghal kollox kontra l-principji regolaturi in bazi ghal liema u ghas-salvagwardja ta' liema gie specifikatament kostitwit".*

It-Tribunal ghamel ukoll riferenza ghall-artikolu 3 tal-Att dwar il-Gustizzja Amministrattiva (Kap. 490) li jipprovdi, fost'affarijiet ohra li tribunali amministrattivi ghandhom :

i. Jirrispettaw d-dritt tal-partijiet li jinghataw smiegh xieraq, inkluzi l-principji tal-gustizzja naturali, u cjoe' *nemo judex in causa sua* u ***audi et alteram partem***;
ii. Kull parti ghandha tinghata l-opportunita li tipprezenta l-kaz taghha, bil-kitba jew bil-fomm jew bit-tnejn, minghajr ma jitqieghed fi zvantagg.

Dawn huma principji ta' mgieba amministrattivi tajba li japplikaw ukoll ghat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

4. L-intimat appella mis-sentenza. L-aggravji huma:-

i. L-ezercizzju li kellu jaghmel it-Tribunal hi limitata sabiex jiddetermina jekk l-allegati problem finanzjarji tas-socjeta appellata u dawk personali

u familjari tar-rapprezentanti taghha, kinux skuzanti ragonevoli skont l-ewwel proviso tal-artikolu 48(5) tal-Kap. 406.

ii. It-Tribunal ghandu obbligu li japplika l-ligi. Minflok f'dan il-kaz skarta dak li tghid il-ligi.

iii. Il-gurisprudenza li t-Tribunal ghamel riferenza ghaliha tirreferi ghal kazijiet li graw qabel dahlet fis-sehh id-disposizzjoni in ezami.

Ghal dawn ir-ragunijiet talab lil din il-qorti sabiex

*"(….) thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva (Malta) nhar it-18 ta' Jannar, 2016 fl-ismijiet Network Enterprises Limited vs Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud) fuq riferita u tirrinvija l-atti quddiem l-istess Tribunal, bl-ispejjez kontra s-socjeta appellata".*

5. L-appellata ma wegbitx bil-miktub. Madankollu fis-seduta tal-10 ta' Marzu, 2017 saret trattazzjoni.

6. **Fatti.**

i. Fit-22 ta' Mejju 2012 it-Tax Compliance Unit infurmat lill-appellata: "*The Tax Compliance Unit will be conducting a tax audit of your tax declarations and, where relevant, of any related parties. In this regard, Ms Ingrid Demanuele and Ms Maria Borg will be performing the assignment, as provided under the Valued Added Tax Act and Income Tax Acts. The tax audit will be carried out on the Income Tax declarations for basis years 2003-2010 (Years of Assessment 2004-2011)"*. Ghalhekk talbitha sabiex tipprezenta dokumentazzjoni li jirreferu ghas-snin 2003 sa 2010, bhal *income tax returns*, kopja ta' *audited financial statements*, rendikont ta' kontijiet bankarji, ittri mill-banek li jaghtu taghrif dwar il-kontijiet bankarji kollha li ghandha, u *ledger* u *trial balance* u kalkoli tal-VAT. L-appellata giet infurmata li ser issir laqgha fl-4 ta' Gunju, 2012 fid-9.00 a.m.

ii. Fl-4 ta' Gunju, 2012 intbaghtet email lil Dunstan Magro, accountant tal-appellata, fejn gie infurmat: *"Regrettably this is to inform you that, following this morning's meeting at the TCU, I have received instructions from my superiors to inform you that should the TCU not receive the outstanding tax returns for basis years 2003 to 2010 (Y/A 2004 to 2011) which are now long overdue – by Monday 11$^{th}$ June 2012 latest, the TCU will have no option but to proceed with the issue of an assessment for the years in question, for which the taxpayer would have the right to object"*.

iii. It-Tax Compliance Unit baqghet ma rcevitx dokumentazzjoni u ghamlet *tax audit* tas-socjeta appellata.

iv. Fl-4 ta' Marzu 2013 l-appellant hareg avviz ta' stima provizorja skont l-artikolu 32 tal-Kap. 406. Gharraf ukoll lill-appellata li jekk trid tista' tista' taghmel talba ghal revizjoni fi zmien 30 jum minn meta tircievi l-ittra.

v. B'ittra datata 3 ta' April, 2013 l-appellata talbet revizjoni.

vi. F'ittra datata 10 ta' April, 2013 l-appellant ghamel riferenza ghall-istima provizorja u talab lill-appellata sabiex tghid x'inhuma r-ragunijiet ghalfejn *"... you failed to provide the information required by the Tax Compliance Unit"*. L-appellata wiegbet b'ittra datata 25 ta' April, 2013;

vii. Sar review report mid-Dipartiment fejn fih jinghad: *"The family trauma started four years before the first meeting between the taxpayer and the TCU. Mr Bonaci failed to keep the records as per article 48(1) and (2) in connection with his business, and he still has to start from scratch to prepare the accounts. Therefore, it is being recommended to raise the respective assessments as per table 6"*.

viii. B'ittra datata 19 ta' Lulju, 2013 l-appellant gharraf lill-appellata li b'riferenza ghat-talba ghal revizjoni, kien gie deciz *"... to raise the respective assessments because notwithstanding the family problems, it is evident that the business was still going on but you failed to keep and provide to the TCU the related business records"*. Inoltre, fl-ittra jinghad li l-istimi kienu ser jintbaghtu fi zmien qasir.

ix. Fl-24 ta' Lulju, 2013 l-appellant hareg stima ta' VAT skont artikolu 32(3) tal-Kap. 12. F'ittra bl-istess data, gharraf lill-appellata li d-Dipartiment ma kienx accetta l-ammonti dikjarati fil-formoli tat-taxxa.

x. Fit-28 ta' Awissu 2013 l-appellata appellat quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva. L-ilment taghha hu dwar l-istima li ghamel l-appellant, u li ssostni hi bazata fuq apprezzament hazin tal-fatti. Dan apparti li l-multi amministrattivi u mghax punittiv jippekaw serjament f'dak li huwa proporzjonalita.

7. Karl Bonaci, rapprezentant tas-socjeta appellata, xehed:

i) Li ma tawx dokumenti minhabba problemi finanzjarji u l-familja tieghu kienet ghaddejja minn problemi personali.

ii) Li kotba tal-kummerc ma kinux qeghdin jinzammu u d-denunzji kienu bazati fuq informazzjoni bazika li kellhom.

iii) Meta gie mistoqsi jekk kienx ta l-informazzjoni bazika lid-Dipartiment: *"Ma kellix informazzjoni"*. Pero' qal ukoll li d-denunzji li saru kienu bazati fuq informazzjoni li kellu, minghajr ma qal x'kienet.

8. It-Tribunal ma ddecidiex dwar:

(a) Kinitx saret talba mill-Kummissarju tat-Taxxi lis-socjeta appellata skont l-artikolu 48(5) tal-Kap. 406.
(b) Fl-affermattiv, jekk skond l-ewwel proviso tad-disposizzjoni l-appellata kellhiex skuzanti ragonevoli ghalfejn l-appellata ma pprezentatx id-dokumenti li ntalbet.

Pero' kien evidenti li ser jigri hekk gialadarba t-Tribunal fl-ewwel lok ikkunsidra jekk dik id-disposizzjoni mill-aspett tal-jedd ghal smiegh xieraq u gustizzja naturali, u kkonkluda fl-affermattiv.

Minn dak li jirrizulta mill-atti l-appellant ma jistax jargumenta li t-Tribunal issorprenda lill-partiijet dwar dak li ddecieda fis-sentenza. Fil-fatt jirrizulta li waqt it-trattazzjoni (seduta tat-2 ta' Frar, 2015) saru sottomissjonijiet dwar jekk it-Tribunal kellux japplika l-imsemmija disposizzjoni. Ghalkemm m'hemmx traskrizzjoni tat-trattazzjoni u l-appellant ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet fejn argumenta biss dwar in-nuqqas ta' *'skuzanti ragonevoli'* sabiex l-appellata tithalla tipprezenta dokumenti quddiem it-Tribunal, pero' f'dik is-seduta l-appellata pprezentat kopja nformi tas-sentenzi: **Emanuel Sant vs Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud**, tas-6 ta' Gunju, 2008 li nghatat minn din il-qorti, u **Pig Breeding Company Limtied vs Avukat Generali et** tas-6 ta' April, 2006 li nghatat mill-Qorti Kostituzzjonali. Fl-ewwel wahda din il-qorti osservat:

> *"... ma tistax ma tissenjalax ghall-mument id-dubji serji taghha kemm dik l-emenda ghandha legittimita kostituzzjonali. Dan qed tirrilevah ghaliex, meta aggancata mal-garanzija kostituzzjonali tat-tutela tad-drittijiet u dik tat-tutela procedimentali, naturalment fil-kwadru tad-drittijiet tat-taxpayer, dik l-istess emenda timponi limitazzjoni pre-processwali fuq it-taxpayer ghall-produzzjoni tal-provi dokumentali fil-procediment kwazi-gudizzjali quddiem il-Bord, jew gudizzjali quddiem din il-Qorti, b'mod li dan mhux biss jippezantixxi l-piz tal-prova imposta mil-ligi fuq it-taxpayer (artikolu 4(2) tad-Disa' Skeda), izda wkoll, u fundamentalment jikkreja ostruzzjoni ta' dik ir-regola processwali li tezigi r-rispett tal-principju inderogabbli tal-kontradittorju".*

It-tieni sentenza kienet dwar kawza kostituzzjonali li saret minhabba li l-artikolu 35(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa (Kap. 372) kienet tipprovdi li appell lill-Bord ta' Kummissarji Specjali wara rifjut tal-Kummissarju tat-Taxxa li jemenda stima, ma setax isir jekk qabel ma tithallasx l-ammont tat-taxxa li dwarha ma jkunx hemm kwistjoni. Il-Qorti Kostituzzjonali ddeciediet li dik id-disposizzjoni tikser il-jedd ghal smiegh xieraq kif protett bl-artikolu 6(1) u 39(2) tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni. Ghaldaqstant, m'ghandux ragun l-appellant meta fir-rikors tal-appell qal:

> *"Fil-fatt ma jirrizultax li s-socjeta appellant argumentat jew talbet lit-Tribunal sabiex il-proviso in kwistjoni ma jigix applikat in kwantu jmur kontra l-principji ta' gustizzja naturali, u lanqas is-sottomissjonijiet tal-appellant ma kienu jirrigwardaw tali*

*argument. Is-sottomissjonijiet relattivi kienu kollha jikkoncernaw l-ezistenza o meno ta' skuzanti ragonevoli".*

9. Kien bl-att numru IV tal-2007, li dahal fis-sehh fis-16 ta' Marzu 2007, li l-ewwel proviso tal-artikolu 48(5) gie ntrodott fil-Kap. 406.

10. Skont paragrafu 1 tad-Disa' Skeda tal-Kap. 406:

> *"It-Tribunal huwa kompetenti li jisma' kull appell kontra stima u li jikkonferma, inaqqas jew iżid kull valur taxxabli jew kreditu jew taxxa kkalkolata mill-Kummissarju, jew jikkanċella l-istima jew jagħmel kull tip ta' dikjarazzjoni jew ordni oħra kif hu iqis xieraq".*

L-oneru tal-prova qieghed fuq l-appellant. Fil-fatt paragrafu 2(2) tal-istess skeda jipprovdi:

> *"(2) Ikun **dmir tal-appellant** li jġib prova li xi valur taxxabbli li ssir stima dwaru mill-Kummissarju jkun eċċessiv jew li xi kreditu li ssir stima dwaru mill-Kummissarju ma jkunx suffiċjenti".*

Ma jidhirx li l-appellata iddikjarat x'inhuma l-provi li trid iressaq biex tikkontesta l-istima tal-appellant. Ovvjament jekk wiehed kellu japplika l-ewwel proviso tal-artikolu 48(5), ikun ifisser li ma tistax tipprezenta d-dokumenti li jissemmew fl-ittra tat-22 ta' Mejju, 2012 sakemm ma jkunx hemm '*skuzanti ragonevoli*'.

11. It-Tribunal ghamel riferenza ghall-gurisprudenza ta' din il-qorti u qal li kienu jirreferu ghall-appelli li saru qabel dahal fis-sehh l-ewwel proviso tal-artikolu 48(5) tal-Kap. 406 (ara pagna 5 sa 8 tas-sentenza). Fl-ebda wahda mis-sentenzi citati ma nghatat decizjoni dwar jekk il-proviso kellhiex tigi applikata meqjus il-jedd fundamentali ghal smiegh xieraq u l-artikolu 3 tal-Kap. 490. Hekk per ezempju is-sentenza:

    i. **A.B. v Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud** (15/2005) tal-5 ta' April, 2006, l-ewwel proviso tal-artikolu 48(5) kien ghadu lanqas biss mhu ligi meta nghatat.
    ii. **A.B. et vs Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (1/2007)** tad-9 ta' Mejju, 2007, lanqas biss saret riferenza ghal dik id-disposizzjoni. Dak il-kaz ukol kien appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell li ttiehdet qabel dahal fis-sehh il-proviso tal-artikolu 48(5) tal-Kap. 406.

Il-qorti m'hijiex konvinta li dawk is-sentenzi kienu rilevanti, gialadarba fil-kaz tal-lum gie nvokat il-proviso tal-artikolu 48(5).

12. It-Tribunal iddikjara li mhux ser japplika l-ewwel proviso tal-artikolu 48(5) tal-Kap. 406, ghaliex ikun qed jippregudika d-dritt ta' smiegh xieraq tat-*taxpayer* li jkun appella minn stima u jkun ukoll imur kontra l-principju tal-gustizzja naturali. Ghalhekk it-Tribunal lanqas ma kkunsidra jekk fil-kaz in ezami kienx hemm xi *'skuzanti ragonevoli'* ghalfejn is-socjeta appellata naqset milli tippezenta d-dokumenti li ntalbet.

13. Hu minnu li t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ghandu d-dmir li jipprocedi bil-mod li jrid l-artikolu 3 tal-Kap. 490. Pero l-principju ta' *audi alteram partem* u elementi ohra tal-principji ta' mgieba amministrattiva tajba li jissemmew fl-artikolu 3, japplikaw ghal kull awtorita li tiggudika irrispettivament jissemmewx jew le f'disposizzjoni *ad hoc*. Hekk biss parti tista' tinghata smiegh xieraq u tigi applikata r-*rule of law*. Kif qal l-Imhallef Norvegiz Arnfinn Bardsen f'artiklu *Reflections on Fair Trial in Civil Proceedings According to Article 6§1 of the European Convention on Human Rights*[1]:

> *"In any legal system based on the rule of law, the principle of fairness in court-proceedings – i.e. procedural fairness – is cardinal. The historical lines in this respect are often drawn to clause 39 of the Magna Charta (1215), and the succeeding development of principles on fair procedure in common-law, based on "natural justice" encompassing, inter alia, judicial impartiality (nemo judex in causa sua), and the right to be heard (audi alteram partem). In democratic states with a written constitution, due process of law has – although construed in quite diverse manners – typically been a part of the protection of individual rights and freedoms at national, constitutional level*.
>
> *Adherence to the principle of procedural fairness is indeed not only a characteristic feature of such rule of law-systems. It is rather a constituent component of the concept itself: Rule of law without fairness in proceedings, is inconceivable. A legal system rejecting the principle would, as a matter of definition, not be based on the rule of law. Securing fairness in proceedings is accordingly imperative not only as such, in its own right. As a foundation stone for protection against the abuse of power, it is even decisive in order to establish and preserve the rule of law as a societal, democratic credo, i.e. to uphold the Etat de droit*.

14. Pero' fil-fehma tal-qorti m'ghandux ikun li dwar kwistjonijiet simili jkun it-tribunal amministrattiv, irrispettivament jekk huwiex it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva jew xi tribunal iehor, li jiddeciedi jekk ligi tiksirx il-jedd ghal

[1] *Scandinavian Studies in Law* (2007), Volum 51 pagna 99-130.

smiegh xieraq[2]. Din hi materja ta' natura kostituzzjonali li ghandha tigi determinata mill-qorti kompetenti. Is-setgha tat-Tribunal hu li jistharreg atti amminstrattivi u mhux li jiddeciedi dwar il-validita' ta' ligijiet vis-à-vis d-drittijiet fundamentali li jinkludu fihom principji ta' *procedural fairness*. Id-dhul fis-sehh tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja (Kap. 490) m'abrogax l-ewwel proviso tal-artikolu 48(5) tal-Att dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Kap. 406). Jekk wiehed kellu japplika wkoll il-kuncett ta' *implied repeal* ta' ligi li nsibu fid-dritt Ingliz[3], il-qorti m'hijiex tal-fehma li jaqa' fil-kompetenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li jiddetermina materja bhal dik meta tqies il-kompetenza limitata li ghandu.

15. Ladarba qamet il-kwistjoni quddiem it-Tribunal u kien tal-fehma li dik id-disposizzjoni ma kinitx kompatibbli mal-principji ta' mgieba amministrattiva tajba kif spjegat fl-artikolu 3 tal-Kap. 490, seta' jaghti zmien lis-socjeta rikorrenti sabiex tipproponi l-proceduri quddiem il-qorti kompetenti li fihom tikkontesta l-validita tal-ewwel proviso tal-artikolu 48(5) tal-Kap. 406. M'hemm xejn hazin li t-Tribunal jesprimi d-dubju tieghu dwar il-legittimita' kostituzzjonali tal-ewwel proviso tal-artikolu 48(5). Pero' hi haga li jesprimi d-dubju u ohra li jiddeciedi minn jeddu li ma japplikax il-ligi ghaliex jikser il-jedd ghal smiegh xieraq u l-principju tal-gustizzja naturali kif imhares fl-artikolu 3 tal-Kap. 390.

16. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-konkluzjoni hi li t-Tribunal ma kienx korrett meta ddecieda li mhux ser japplika l-artikolu 48(5) tal-Kap. 406.

**Ghal dawn il-motivi sa fejn kompatibbli ma' dak li nghad hawn fuq tilqa' l-appell u thassar is-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tat-18 ta' Jannar, 2016. Spejjez jibqghu bla taxxa.**

**Taghmilha cara li l-partijiet qeghdin fl-istess posizzjoni li kienu qabel inghatat is-sentenza mit-Tribunal.**

**Ir-Registratur ghandu minnufih jibghat l-atti lura quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.**

Anthony Ellul.

---

[2] Il-principji tal-*audi alteram partem* fir-realta' jfisser il-jedd ghal smiegh xieraq, kif inhuma aspetti ohra li jissemmew fl-artikolu 3 tal-Kap. 490.

[3] Fis-sentenza **Kutner vs Philips** (1891), intqal: *"[i]f ... the provisions of a later enactment are so inconsistent with or repugnant to the provisions of an earlier one that the two cannot stand together, the earlier is abrogated by the later"*. Hemm ukoll il-massima legali li, *Leges posteriors priores contrarias abrogant*.